**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 37– It-Tlieta 6 ta' Frar 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Bernard Carabott | Ambaxxatur |

37.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

## 37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

37.2.1 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

## 37.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

37.3.1 Is-Sindku rrefera għax-xogholijiet ta' *resurfacing* li qed isiru fi Triq J F de Chambray. Is-Sindku rrefera għal fatt li kien hemm ħafna diżlivelli u ser jiġu rranġati billi toghla t-triq bit-tarmak u l-ilma ser jiġi *deviated* lejn il-bokka tal-*culvert* man-naħa tal-bollards. Is-Sindku rrefera wkoll li għaddew xi katusi li kellu bżonn jgħaddi l-Arċipriet biex jikkonettja l-ilma taz-zuntier mal-*culvert*. Huwa semma' li għaddejna wkoll katusa żejda f'każ ta' ħtieġa ta' servizz. Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex niċċekjaw ma' Lelio Spiteri tar-Radju Lauretana għax jinħtieġ li jaqsmu t-triq biex jgħaddu s-servizz tal-Melita. Is-Sindku semma' li x-xogħol mistenni jkun lest sas-Sibt 10 ta' Frar 2018.

37.3.2 Is-Sindku issuġġerrixxa li jinbidlu l-fanali ta' Triq J F de Chambray kollha u l-eżistenti jintużaw fil-*parking area* fi Pjazza l-10 ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel ma' dan u sar qbil li għandna nibdew il-preparamenti tat-tfassil tal-offerta.

37.3.3 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni tal-Belvedere taż-Żewwieqa. Huwa semma' li l-Perit iltaqa' mal-KNPD u apparentament jidher li r-*railing* kien qed iżomm l-applikazzjoni milli tiġi approvata. Il-Perit irrefera għal-laqgħa bħala waħda pożittiva ħafna u li jinħtieġ li nistennew l-eżitu tagħha biex inkunu nistgħu nipproċedu.

37.3.4 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-ħtieġa ta' *flood light* fit-taraġ tal-mosaic ħdejn il-Grand Hotel. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil xi *electrician* li jkun jista jagħmlilna dan ix-xogħol.

37.3.5 Is-Sindku propona wkoll li permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill u xi ftit materjal inkunu nistgħu nsebbħu l-belvedere ta' Sant' Eliju u nkunu nistgħu wkoll inpoġġu xi żewġ bankijiet ġodda. Il-Kunsill qabel ma' dan.

37.3.6 Is-Sindku rrefera wkoll għall-ħtieġa urġenti sabiex issir it-trinka biex jerġa jinxtegħel ta' Lourdes. Huwa propona wkoll li għandha tingħabar stima ta' *printed concrete* għal din il-pjazza għax ta' min jagħtiha *uplift*.

37.3.7 Is-Sindku rrefera wkoll għax-xogħolijiet li jinħtieġ isiru mill-WSC fi Triq Hamri u Triq iż-Żewwieqa. Sar qbil li għandna nibgħatulhom u ninfurmawhom bil-kundizzjoni li jekk ma jagħmlux ix-xogħolijiet meħtieġa qabel ir-*resurfacing* lil dawn it-toroq imsemmija, ma humiex ser jingħataw permess li jqattgħu l-istess toroq sa żmien ħames snin minn mindu jsir ir-*resurfacing*.

37.3.8 Is-Sindku rrefera għal Get Together ta' Bethlehem f'Għajnsielem ġentilment offrut mid-Diretturi tal-Grand Hotel ser isir fil-Grand Hotel nhar il-Ġimgħa 9 ta' Frar 2018 fis-7:30pm.

37.3.9 Saret referenza wkoll mis-Sindku sabiex titnaqqas biċċa mit-traffic island li hemm taħt il-każin sabiex il-karozzi jkunu jistgħu jdawwru sewwa. Il-Kunsill qabel ma' dan.

37.3.10 Is-Sindku rrefera wkoll għall-problema tal-ħajt fil-Wied Simirat u għaż-żjara li huwa għamel mal-Perit. Il-perit ikkonferma li l-ħajt huwa privat u kullma jista jsir huwa li jinbnew tlett filati oħra minnu l-barra. Is-Sindku propona li ntuh il-materjal peress li qed jgħid li qed iġarrab din il-ħsara wara intervent li sar mill-Kunsill preċedenti.

## 37.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

37.4.1 Il-kunsillier Peter Caruana irrefera għall-iskart li qed ikun hemm fil-*weekends* taħt ta' Lourdes. Is-Sindku kkonferma li qed isiru l-*picnics* taħt is-siġar u qed iħallu l-iskart tagħhom f'boroż barra fit-triq. Sar qbil li għandna ninfurzaw li l-kennies jgħaddi aktar ta' spiss minn dawn l-inħawi speċjalment fi tmiem il-ġimgħa.

## 37.5 Korrispondenza u Rapporti

37.5.1 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand l-Għaqda Drammatika Għajnsielem fejn irreferew għall-attivitajiet li ser itellgħu konnessjoni mal-Ġimgħa Mqaddsa. Huma talbu lill-Kunsill sabiex il-Kunsill jgħin f'xi spejjes ta' dawl u materjal. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u sar qbil li għandna ngħinuhom sabiex itellgħu din l-attivita' b'kollaborazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku rrefera għal fatt li din is-sena l-Aħħar Ċena ser tinżamm ħdejn it-Taverna u hemm il-ħtiega li tiżdied parti mit-tisqifa li tibqa tintuża wkoll għall-attivita' ta' Bethlehem f'Għajnsielem.

37.5.2 Ġiet trattata t-talba mingħand is-Superjura tal-Museum tal-Bniet Għajnsielem Pawlina Tabone fejn talbet lill-Kunsill jgħin fit-tagħlim billi jipprovdi *projector* għal dan il-Qasam. Il-Kunsill qabel li għandu jgħin lil din is-socjeta' li tant tahdem għal ġid spiritwali tat-tfal tal-lokalita' tagħna. Sar qbil li għandu jiġi diskuss x'tip ta' *projector* jinħtieġu u tinġab stima.

37.5.3 Ġiet trattata n-notifika tal-Awtorita tal-Ippjanar għall-permess PA 7173/17 dik li jibdel l-użu tal-garage għal Snack Bar fi Triq Martino Garces, Għajnsielem.

37.5.4 Ġiet imressqa l-proposta mingħand Mauro Attard fejn issottometta ritratt antik ta' Għajnsielem fejn juri xi pedamenti li jistgħu jitħammlu u jintużaw bħala ġibjun. Is-Sindku propona li dan il-post jista wkoll il-quddiem iservi bħala Belvedere.

37.5.5 Ġiet trattata t-talba sabiex isir *shifting* ta' bozza minn fuq pole għall-ieħor fi Triq Simirat. Il-Kunsill qabel ma' dan.

37.5.6 Ġiet trattata t-talba sabiex tiġi *shifted* bozza fi Triq iċ-Ċief minn fuq post li twaqqa' għall-arblu fil-qrib. Il-Kunsill qabel ma' dan.

37.5.7 Ġie trattat ukoll il-każ ta' ħtieġa ta' irranġar ta' passaġġ fi Triq ix-Xatt l-Aħmar. Is-Sindku semma' li bgħatna lid-Direttorat tal-Proġetti u Żvilupp u dak tat-Turiżmu fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex jgħinuna anke permezz ta' ħaddiema f'dan il-proġett.

37.5.8 Ġie trattat ukoll l-ilment mingħand Michelina Ciantar rigward *wires* li qed jagħmlu ħsara lill-faċċata tagħha. Meta dan l-ilment intbagħat lil Enemalta dawn stqarrew li mhux qed jirriżulta li l-ħsara ġejja kkaġunata mill-*bracket* iżda filkaż li s-sid jibqa jippersisti, jinħtieġ konferma ta' perit. Ir-residenta qed tinsisti mal-Kunsill li nuzaw il-perit tal-Kunsill biex jivverifika dan. Il-Kunsill qabel li għandu jinkariga lil Perit tiegħu sabiex jagħmel dan.

37.5.9 Ġiet trattata wkoll it-talba mingħand Sylvia Saliba sabiex jittranġaw xi ħitan tas-sejjieħ li qed jaqgħu fi Triq ta' taħt Chambray. Sar qbil li għandna nibgħatu din it-talba lis-CMU u ninfurmawhom li nieżla t-triq u jaqgħu l-ħitan.

37.5.10Saret referenza wkoll għall-ilment imressaq mingħand Maria Calleja dwar *barriers* li hemm quddiem il-każin tal-PN u rigward il-*parking bay* li hemm fil-kantuniera quddiem id-dar ta' Mabbli. Dan kollu qed joħloq konġestjoni tat-traffiku specjalment meta jgħaddi t-trasport pubbliku. Sar qbil li għandna nċekknu l-*parking bay* imsemmija.

37.5.11Ġiet trattata t-talba mingħand Marcel Buttigieg biex jinqata' l-ħaxix ħażin li hemm ġo sqaq ħdejn ta' Gejtan, faċċata tal-ispiżerija fi Triq l-Imġarr. Sar qbil li dan għandu jinqata'.

37.5.12Ġiet trattata t-talba għal żbir ta' siġra fi Triq Wied Martin għax qed timblokka l-aċċess. Sar qbil li l-ħaddiema tal-Kunsill imorru jaqtgħu l-ħaxix ħażin ta' din it-triq.

37.5.13Ġiet trattata t-talba għall-bozza ġdida fuq in-naħa ta' wara tal-Każin tal-Banda. Sar qbil li għandna nqabbdu lil Norbert Cauchi sabiex jinstalla' żewġ *flood lights* ġodda.

37.5.14Ġiet trattata t-talba għall-bozza ġdida fi Triq Hamri kantuniera ma' Triq Sant'Antnin. Il-Kunsill qabel li għandu jinstalla bozza ġdida peress li l-area hija mudlama.

37.5.15Ġie trattat l-ilment mingħand George Grech rigward il-ħtieġa urġenti ta' *Speed Cameras* fi Triq l-Imġarr minħabba l-i*speed* eċċessiv u l-periklu li jinsabu fih ir-residenti. Hawnhekk giet diskussa l-kwistjoni tal-ħtieġa urġenti ta' *Speed Cameras* fi Triq l-Imġarr. Saret referenza għall-inċident li ġara fil-jiem li għaddew u rigward l-urġenza ta' din il-ħtieġa. Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li nżammet mal-Ministru għal Għawdex rigward dan is-suġġett u li nkarigaw lil Kunsilli nteressati sabiex jagħmlu rapport. Huwa stqarr li r-rapport ġie kkummissjonat bejn il-Kunsill tagħna, dak tal-Fontana u tan-Nadur. Huwa semma' li l-awtoritajiet qed jgħidu li qed jistennew dan ir-rapport minn għandna qabel ma jieħdu azzjoni fejn ser jitwaħħlu dawn il-*cameras*. Il-Kunsill propona li fi Triq l-Imgarr iridu jitwaħħlu ħdejn is-Supermarket Ta' Dirjanu u fin-naħa ta' fuq ta' Mgarr Road ħdejn Taċ-Ċiantar. Sar qbil li għandna nippruvaw ngħaġġlu kemm nistgħu l-proċess.

37.5.16Ġiet trattata l-email mingħand Stephen Mercieca fejn talab sabiex jiżdied *bin* ħdejn il-bankijiet ta' Lourdes. Sar qbil li jew għandna nibdlu l-*bin* eżistenti f'wieħed akbar jew inżidu ieħor.

## 37.6 Programm finali tal-Karnival 2018

37.6.1 Ġie preżentat il-programm finali tal-Karnival 2018. L-ispiża taż-żeffiena u parteċipanti ser tammonta għal madwar €2300. Is-Serata ser tiġi preżentat mid-Dulli. Bħas-soltu ser isiru l-kompetizzjonijiet bi premju u l-kukkanja.

## 37.7 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Għażla tat-Tender tat-Taraġ

37.7.1 Is-Segretarja preżentat id-draft tar-rapport tal-Bord tal-Għażla. Kien hemm tlett offerti mitfugħa u l-orħos waħda, dik ta' LBV Ltd għal prezz ta' €60,000.06 tikkwalifika amministrattivament u teknikament. Il-Bord bagħat għal xi kjarifika u jekk jintbgħatu u jiġu kkonfermati nkunu nistgħu mmexxu bl-*award*. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 37.8 Ħatra ta' Bord tal-Evalwazzjoni għat-Tender ta' Triq iż-Żewwieqa

37.8.1 Is-Segretarja rreferiet għal fatt li t-*tender* ġie ppublikat għall-pubbliku u ser jagħlaq fit-28 ta' Frar 2018. Bħala Bord tal-Evalwazzjoni l-Kunsill qabel li għandu jaħtar lil Perit Shawn Micallef, l-Avukat Joshua Grech, l-Accountant Pauliana Said, lill-Kunsillier Larry Buttigieg bħala Chairman u lis-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber.

## 37.9 Lease Agreement għall-Għassa tal-Pulizija

37.9.1 Sar qbil li din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 37.10 Offerti għal Miżura 4.3 – Pubblikazzjoni tal-offerta

37.10.1Saret referenza għall-laqgħa ta' ntroduzzjoni fuq il-proġett li għaliha attendiet is-Segretarja dalgħodu fil-Paying Agency, Malta. L-offerta qed tiġi preparata mill-Perit u ser tkun tista tinħareġ għall-pubbliku fil-jiem li ġejjin. Saret referenza għall-ħtieġa tat-trinka mingħand il-Malta Enterprise għal *submarine cable* u jidher li hemm ftehim li ser tinħareġ *direct order* minn naħa tagħhom biex issir it-trinka meħtieġa.

## 37.11 Htieġa ta' estensjoni għall-premises tal-iskola primarja

Il-Kunsill qabel li għandu jzomm laqgħa mal-kap tal-iskola biex jiddiskuti din il-materja biex tinħareġ l-aħjar soluzzjoni.

### 37.12 Il-proġett tar-resurfacing ta' parti minn Triq J F de Chambray

Is-Sidku rrefera għal dan il-proġett u għal fatt li nbeda u mistenni jintemm fil-jiem li ġejjin. Huwa semma' li kien hemm kwistjoni ta' fejn ser jaqleb l-ilma u sar qbil mal-Kuntrattur u l-Perit li l-ilma jiġi jaqleb għal ġol-grada fin-naħa tal-bankina ta' fejn ġej it-taraġ. Saret estenzjoni żgħira tal-*gutter* u ġew inkluzi xi kanen oħra ta' servizzi biex jiġi evitat it-tqattigħ fil-futur qarib.

### 37.13 Approvazzjoni tal-Financial Statement

L-Accountant tal-Kunsill Pauliana Said kienet preżenti għal-laqgħa fejn tat deskrizzjoni tal-Financial Statement għas-Sena Finanzjarja 2017. Ġie nnutat iż-żbilanċ ta' €550.

### 37.14 Estimi Annwali 2018

Ġew preżentati l-Estimi Annwali 2018 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Bħala dhul il-Kunsill ser ikollu €392,691 u bħala nfieq ser ikollu €390,119. Bħala nfieq Kapitali l-Kunsill qed jalloka l-ammont ta' €260,000 li jinkludu l-proġett tal-Belvedere taż-Żewwieq għall-ammont ta' €50,000, għall-proġett ta' Pjazza Tolfa ser jalloka €50,000, għall-proġett tat-tarag €60,000 u għal proġett tar-resurfacing ta' Triq Hamri l-prezz ta' €100,000.

### 37.15 Laqgħa tal-Lokalita'

Il-laqgħa tal-Lokalita' ser issir illum wara l-Laqgħa tal-Kunsill.

### 37.16 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda tal-Pagamenti għall-approvazzjoni. Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti fil-lista.

### 37.17 Materji oħra

Sar qbil li għandna ninkarigaw lil Perit Edward Scerri sabiex ifassal Traffic Management Plan għal Triq Ħamri kantuniera ma'Triq Sant'Antnin.

### 37.18 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 15 ta' Marzu 2018 fl-4:30 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**